L-ewwel kant minn

# Il-Bikja tal-Masġar

***Oliver Friggieri***

I

Imxejt u għadni nimxi. Kollox beda
jum wieħed meta sbaħt u sibt li fija
trabbiet weħidha, bla ma żrajtha jiena;
il-mistoqsija w fommi qalha. Kollox
minn dak in-nhar ma deherli qatt bħal qabel.
Tbegħedt minn dari biex kellimt kull dehra
u ntbaht li l-għerf ma kienx merfugħ f'għarixi
u lanqas fl-għalqa żgħira ta' madwari.
Kellimni min kellimt, u min kellimtu
sikwit ma kellimnix, u mbagħad weġibni
min qatt ma tlabtu. Kliem fuq kliem radamni
sa ma ħariġni mill-egħluq ta' ħsiebi
biex fehemni li bejn dak li hemm ġo fija
u dak li hemm madwari nħadmet xibka
li sehmi ndur ġo fiha w kienet qabli
u tibqa' wrajja. B'kelma bdejt u fl-aħħar
il-Kelma nfisha tkellmet sa biddlitni.
Aħbarha trid li kulma qaltli nxandru
għax it-tiġrib ta' qabel kien pjan tagħha.
U jekk bil-kelma fhimt, il-Kelma riedet
li b'damma kliem ukoll nikxef moħbitha,
u hawn, u issa, wara li seħħ kollox,
qed nobrox fuq il-blat kulma niftakar,
għax jien twiddibt biex ma ninsiex, u ħlasi
hu li niftakar, u li nfakkar dmiri.
U dak li fhimt ma nafx ħlief nerġa' ngħidu
bla naf l-għaliex, u s'hemm stajt nibqa' nsaqsi;
il-masġar ma jsaqsix u biss iwieġeb,
u min imur sax-xifer tiegħu jaqa'.
Bdejt darba ma naf xejn, u dak li nagħraf
illum hu l-ħsad li ħsadt fil-masġar sieket

*NOTA:* Oliver Friggieri wasal biex jippubblika poema ġdida ta' aktar minn 1500 vers endekasillabu. Hawn qegħdin nippubblikaw għall-ewwel darba l-ewwel Kant ta' din il-poema.

fejn iġġerrejt u ġrejt w għadni niġġerra
la dan hu l-amar li ngħatajt mill-Kelma,
u nieqaf ma nistax qabel ma terġa'
tkellimni w bħalma bdejt, intemm il-mixja.
U meta nieqaf nimxi, nieqaf naħseb,
u meta nieqaf naħseb, nieqaf nibki,
għax hemm miktub li b'bikja biss jiċċarrat
is-skiet ta' l-univers, u dan hu sewwa.